**Nomina ta' Noel Cuschieri bħala**
**Chairman tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCHFE)**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

## *Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

### 1. X'taħseb li huma l-akbar sfidi li għandha l-NCFHE għas-snin li ġejjin?

Fl-ewwel lok huwa opportun li jiġi osservat li l-iżvilupp kontinwu u mgħaġġel fix-xjenza u fit-teknoloġija f'soċjetà progressiva bħalma hi dik Maltija neċessarjament iġib miegħu esiġenzi ġodda, fosthom dawk soċjali u ekonomiċi li jippreżentaw sfidi kontinwi f'diversi setturi u oqsma tas-soċjetà, fosthom dak tal-edukazzjoni li għandha l-għan prinċipali li tkabbar id-dimensjoni umana u ittejjeb b'mod sostanzjali l-livell ta' għejxien tal-membri tagħha. L-edukazzjoni għandha l-iskop li tkabbar id-dimensjoni tal-esperjenza umana, kemm fuq livell personali billi l-bniedem jitgħallem japprezza iżjed dak li hemm madwaru u jgħix aħjar, u kemm fuq livell soċjali billi jikkontribwixxi għat-tkabbir tas-soċjetà li jgħix fiha, kemm mil-lat uman kif ukoll mil-lat ekonomiku.

L-isfidi li dan il-progress iġib miegħu fil-kamp edukattiv qed jiġu u ser ikomplu jiġu indirizzati mill-Kummissjoni għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla [il-Kummissjoni] li l-għan prinċipali tagħha huwa li tkompli tiżviluppa u tkattar l-edukazzjoni avvanzata u ogħla fil-pajjiż bl-iskop li jinħolqu programmi u strutturi fi ħdan is-sistema edukattiva bit-tir li jintlaħaq livell ta' eċċellenza. Dan tagħmlu *tramite* riċerka, liċenzjar effettiv, rikonoxximent, assikurazzjoni ta' livell għoli ta' kwalità u rikonoxximent ta' kwalifiki fil-parametri tal-Malta Qualifications Framework li huwa l-istrument nazzjonali għall-iżvilupp u klassifika ta' rikonoxximenti u kwalifiki bbażati fuq kriterji hemm stabbiliti u l-Kummissjoni għandha l-għan li tqarreb kemm jista' jkun dan il-qafas lejn il-kriterji u l-parametri stabbiliti mill-European Quality Framework.

Illi, għalkemm wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Kummissjoni huwa dak li tinfirex kemm jista' jkun l-edukazzjoni avvanzata u ogħla f'pajjiżna, jibqa' sovran il-prinċipju tal-assikurazzjoni tal-kwalità ta' din l-edukazzjoni; fattur li ġie wkoll rikonoxxut fl-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla [Att II tal-2020] fejn fl-artikolu 17 twaqqaf kumitat appożitu denominat Quality Assurance Committee li huwa kumitat awtonomu u indipendenti biex jaqdi l-funzjoni tiegħu delineata fl-istess artikolu.

Maż-żmien, il-Kummissjoni qed ikollha tikkunsidra aktar applikazzjonijiet minn entitajiet barranin biex jiġu rikonoxxuti u akkreditati korsijiet f'Malta u, għalkemm dan huwa fatt pożittiv ħafna għax għandu bħala konsegwenza tiegħu t-tkattir tal-investiment barrani f'pajjiżna li jkompli jsaħħaħ l-ekonomija, dan neċessarjament iġib miegħu l-obbligu ta' aktar viġilanza stretta diretta biex jiġi assikurat li dak rikjest mil-liġi qed jiġi osservat. Dan japplika wkoll għan-numru dejjem jikber ta' korsijiet *online* li qed jiġu offruti f'pajjiżna.

Sfida oħra li għandha l-Kummissjoni, u aktar ‘il quddiem il-Malta Further and Higher Education Authority, hija dik li ssir il-ħidma neċessarja biex pajjiżna jkun membru sħiħ tal-European Association Quality Assurance in Higher Education li tagħha bħalissa Malta tikklassfika bħala *affiliate,* u li tirrappreżenta *“quality assurance and accreditation organisations from the European Higher Education Area and internationally”.*

Illi sfida oħra tirrigwarda l-fatt li llum il-Kummissjoni qiegħda fil-proċess li ssir awtorità bir-riżultat li ser isiru bidliet li jkunu jeħtieġu preparazzjoni. Il-kompitu tal-Kummissjoni huwa li din tkompli tkun proattiva għat-tisħiħ ta’ dan il-proċess.

Fl-aħħarnett għandu jingħad li l-Kummissjoni, u aktar ’il quddiem l-Awtorità, fil-ħidma tagħha ma tinjorax il-fatt li fil-ġejjieni jistgħu jippreżentaw ruħhom sfidi ġodda partikolarment in vista tad-diversità fil-lingwa u fil-kultura li pajjiżna jesperjenza matul iż-żmien.

**2. Kif tara r-rwol tal-NCFHE jizviluppa f’pajjizna? Taħseb li l-NCFHE jista’ jkollha rwol x’tilgħab fejn jidħol it-tkabbir ekonomiku ta’ pajjiżna?**

L-edukazzjoni, inkluża dik avvanzata u ogħla, għandha parti importanti fit-tkabbir fl-ekonomija tal-pajjiż. Dan hu hekk  għas-segwenti raġunijiet prinċipali: li l-esiġenzi tas-suq ekonomiku min-naħa ta’ min iħaddem jiġu indirizzati billi jsibu ħaddiema mħarrġa sewwa jew esperti, lokali u barranin, fil-qasam li n-negozju tagħhom ikun jeħtieġ minn żmien għal żmien biex jimmodernizza t-tħaddim tan-negozju bil-għan li l-produzzjoni titjieb fil-kwalità u fit-tkabbir tagħha, filwaqt li min-naħa tal-ħaddiema dawn isibu xogħol relevanti għall-istudji u taħriġ li jkunu għamlu bir-riżultat ta’ tkabbir fl-livell ta’ għejxien tagħhom u tal-familja tagħhom. L-edukazzjoni hija fattur importanti biex jitnaqqas l-*unemployment* fis-soċjetà.

Barra minn hekk, hemm il-firxa ta’ edukazzjoni avvanzata u ogħla li testendi wkoll għal barranin. Din tikkontribwixxi b’mod relevanti għall-ekonomija tal-pajjiż billi l-barranin jiġu Malta kemm biex jitgħallmu, kif ukoll biex jaħdmu u jirrisjedu għal ċertu żmien hawn u b’hekk jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku fis-soċjetà tagħna.  Il-programmi ta’ edukazzjoni *online* huma relevanti ħafna f’dan ir-rigward, għax permezz ta’ dawn il-programmi, persuna barranija li tkun tixtieq taħdem f’Malta, tista’ tagħmel l-istudji tagħha minn barra pajjiżha.

Huwa relevanti wkoll il-fatt li wħud mil-liċenzjati li jipprovdu tali edukazzjoni stabbilixxew ruħhom sewwa f’pajjiżna u, filwaqt li qed jipprovdu tagħlim ta’ kwalità għolja ħafna, investew spejjeż kbar fil-proġetti tagħhom biex jiġu konformi mal-istandards stabbiliti mil-liġi kif rikjest mill-Kummissjoni u l-aġenziji Ewropej kompetenti. Dan ikompli jattira aktar studenti lejn l-istituzzjonijiet tagħhom u allura lejn pajjiżna.

**3. Taħseb li ladarba tgħaddi l-pandemija tal-Covid-19, ir-rwol tal-NCFHE ser ikun qiegħed jiżdied jew jinbidel b’xi mod? Jekk iva, kif?**

Dan il-virus wera li kull soċjetà, avvanzata kemm hi avvanzata, hija dejjem vulnerabbli għal xi għawġ għal għarrieda li jista’ jerġa’ jaqa’ fuqha fil-futur u li jimpatta negattivament u b’mod sostanzjali fuq l-andament soċjo-ekonomiku tal-pajjiżi madwar id-dinja.  Dan jinsab manifestat mhux biss fin-numru kbir ta’ persuni li mietu madwar id-dinja kawża ta’ dan il-virus, iżda wkoll

fit-telf ta' numru kbir ta' impjiegi fid-diversi pajjiżi madwar id-dinja. L-avvanz fil-qasam tat-teknoloġija kkontrobilanċja, sa ċertu grad, l-effetti negattivi ta' dan il-virus, mhux biss f'dak li hu marbut mal-ekonomija, iżda anke fejn tidħol l-edukazzjoni fil-livelli kollha tagħha, inkluż dak avvanzat u ogħla.

F'Malta, malli feġġet il-pandemija, ittieħdet, *inter alia*, il-miżura li l-iskejjel jingħalqu għal tul ta' żmien biex titrażżan it-trasmissjoni tal-virus. Iżda dan ma waqqafx lill-istituzzjonijiet edukattivi milli jkomplu jaqdu l-funzjoni tagħhom, amministrattiva u dik ta' tagħlim, u kienu pronti li ħadu l-miżuri neċessarji sabiex it-tagħlim ikompli jingħata billi jsir *online* permezz tat-teknoloġija. B'hekk, l-impatt negattiv tal-miżura li ttieħdet fuq l-istudenti, inklużi dawk f'livelli għolja ta' edukazzjoni, ġie diminwit.

Il-pandemija għalhekk wasslitna sabiex nifhmu aħjar u napprezzaw aktar il-potenzjal tat-tagħlim permezz tat-teknoloġija diġitali, fis-sistema edukattiva tal-pajjiż.

**4. Tista' tiddikjara jekk hemmx xi forma ta' konflitt ta' interess f'din il-ħatra?**

Filwaqt li ngħid li l-mara tiegħi Mrs Marcelline Cuschieri taħdem bħala Assistant Head fi skola tal-knisja, ma narax li teżisti sitwazzjoni jew ċirkostanza li twassal għal konflitt ta' interess fil-ħatra tiegħi ta' Chairman tal-Kummissjoni.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **X'pożizzjonijiet tipprevedi li għandek tieħu fid-direzzjoni u tfassil tal-ħidma tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla fil-bżonnijiet preżenti u futuri tagħha?**

Il-Kummissjoni twaqqfet bil-għan li, fi kliem l-artikolu 64 tal-Att dwar l-Edukazzjoni [Kap. 327]:

> "(a) tivverifika l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tal-provdituri tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla,
>
> (b) tinforma lill-pubbliku dwar il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp sostenibbli tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla f'Malta biex jintlaħqu l-bżonnijiet tas-soċjetà, u
>
> (ċ) tagħti pariri lill-Gvern dwar kull materja li għandha x'taqsam mal-edukazzjoni avvanzata u ogħla.".

Fuq livell aktar speċifiku, l-għanijiet u l-funzjonijiet tal-Kummissjoni huma varji u ampji kif jirriżulta mill-artikolu 65 tal-imsemmi Att, li jaqra testwalment hekk:

> "(a) tifformula prinċipji gwida għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla, li tkun l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u tipproponi viżjoni, objettivi u miri strateġiċi ċari u sostenibbli għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(b) tirriċerka, tanalizza, tirrevedi u, permezz tal-Ministru, tagħti pariri lill-Gvern dwar l-iżvilupp, l-ippjanar u t-tmexxija tal-politika tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(ċ) taġixxi bħala l-awtorità kompetenti għal-liċenzjar, akkreditament, assikurazzjoni ta' kwalità u rikonoxximent ta' provdituri u programmi skont dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu;

(d) iġġib 'il quddiem u tiffaċilita l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja u t-trasferiment u l-progress fit-tagħlim tul il-ħajja;

(e) tippromwovi u tinkoraġġixxi l-provvista tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u r-rikonoxximent tagħha f'Malta u f'pajjiżi barranin;

(f) taqdi funzjonijiet taċ-Ċentru Malti għal rikonoxximent ta' kwalifiki u informazzjoni taħt l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki;

(g) tippromwovi u żżomm il-Qafas Malti tal-Kwalifiki u l-politika u l-kriterji li fuqhom għandu jissejjes dan il-Qafas;

(h) tapprova u tiżgura li tippubblika livelli nazzjonali ta' għarfien, ħiliet, kompetenzi u attitudnijiet għal kull settur ta' impjieg;

(i) tivvalida tagħlim li jkun sar b'mod informali u mhux formali u tikklassifika din il-validazzjoni f'livell tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki;

(j) tirrakkomanda *policies* ta' finanzjar, u ta' sistemi alternattivi ta' finanzjar tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla, filwaqt li tindirizza l-kwistjoni tal-adegwatezza ta' dan il-finanzjament u ta' kontabilità fil-provvista tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(k) tipproponi *policies* li jkollhom x'jaqsmu mal-istudenti dwar għażliet sostenibbli, aċċess ekwu u mobilità fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla, appoġġ finanzjarju, servizzi ta' informazzjoni u gwida dwar passaġġi ta' żvilupp għal studenti;

(l) tirrakkomanda *policies* li jkollhom x'jaqsmu mar-riċerka, l-innovazzjoni, l-proprjetà intellettwali u t-trasferiment tal-għerf;

(m) tfassal *policies* li jkollhom x'jaqsmu mad-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla u mal-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-provvediment tagħhom;

(n) tagħti pariri, u meta jkun il-każ, tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhrilha meħtieġa, lill-Gvern u lill-provdituri, dwar kull materja jew kwistjoni oħra li jkollha x'taqsam mal-edukazzjoni avvanzata u ogħla; u

(o) twettaq dawk il-funzjonijiet oħra kif il-Ministru jista' jirrakkomanda minn żmien għal żmien b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.".

Bażikament, is-substratt ta' dawn l-għanijiet huma: li tifrex l-edukazzjoni avvanzata u ogħla u ta' kwalità tajba kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna; li tivvalida t-tagħlim informali u non formali; it-tkattir u r-rikonoxximent ta' tali edukazzjoni, inkluża dik vokazzjonali, fil-livelli kollha tas-soċjetà Maltija u, li tqarreb ir-rikonoxximenti u l-kwalifiki delineati fil-Malta Qualification Framework lejn dawk kontenuti fil-European Qualification Framework biex hekk jinkiseb għarfien fl-Ewropa tar-rikonoxximenti u kwalifiki lokali.

Għall-futur, il-Kummissjoni ser tkompli taħdem sabiex, minn *affiliate*, Malta ssir membru sħiħ tal-European Higher Education Area li hija assoċjazzjoni prestiġjuża bl-għan prinċipali li taħdem biex bejn il-pajjiżi membri jkun hemm ko-operazzjoni b'mod li bejniethom ikollhom sistemi ta' edukazzjoni għolja li jkunu *"comparable and compatible"*.

Dan ikun ta' benefiċċju kbir għall-istudenti, gradwati u għalliema fl-edukazzjoni għolja ta' pajjiżna li jkunu jistgħu jistudjaw u jaħdmu flimkien f'sistema rikonoxxuta mid-diversi pajjiżi membri oħra u mingħajr restrizzjoni.

**2. X'viżjoni, oġġettivi u strateġiji ċari u sostenibbli tara li wieħed jista' jikseb sabiex l-edukazzjoni f'pajjizna timxi passi oħra 'l quddiem?**

Hawnhekk nagħmel referenza għal dak li għidt kemm fir-risposta għall-ewwel domanda u anke f'uħud mir-risposti li tajt għall-mistoqsijiet min-naħa tal-Membri tal-Gvern. L-istrateġija f'dan il-qasam għandha tkun dik li nsaħħu dak li diġà ksibna u dan prinċipalment billi nkomplu nkunu parti minn *networks* oħrajn fl-Ewropa li għandhom l-istess viżjonijiet bħal tagħna u naqsmu magħhom ideat u sistemi li jgħinuna. B'dan il-mod nassiguraw is-sostenibilità ta' dak li ksibna u li qed niksbu fil-qasam tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla. Jibqa' dejjem l-għan bażiku tal-Kummissjoni li din l-edukazzjoni tkun waħda mifruxa, inklussiva u ta' kwalità tajba u li tikkompara tajjeb mal-livell Ewropew.

Biex dan iseħħ jeħtieġ li jibqa' jsir eżami u evalwazzjoni ta' dak li ksibna matul iż-żmien f'dan il-qasam bil-għan li, *tramite* r-riċerka, noħolqu prattiċi ġodda li jkunu adegwati u sostenibbli u li jwasslu sabiex is-sistema edukattiva titjieb maż-żmien.

**3. Tara li hemm lok għal aktar informazzjoni u djalogu mal-poplu sabiex ikun hemm aktar persuni li jkomplu jistudjaw u javvanzaw fit-tagħlim?**

Hawnhekk issir referenza għal dak li jgħid l-artikolu 64 [1][b] fuq ċitat li wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Kummissjoni huwa li *"tinforma lill-pubbliku dwar il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp sostenibbli"* bl-iskop li jintlaħqu l-esiġenzi edukattivi u ekonomiċi tal-pajjiż.

Il-firxa ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet preżenti disponibbli fil-qasam tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla huwa manifestament fattur indispensabbli sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' tali edukazzjoni, jiġifieri li kemm l-istudenti kif ukoll l-għalliema jkunu konxji ta' dak li tipprovdi s-sistema preżenti bir-riżultat li dawk l-għanijiet ikunu jistgħu jintlaħqu fil-livell massimu tagħhom.

Barra minn hekk, it-tagħrif dwar dawn l-opportunitajiet iservi sabiex iħajru lin-nies ikomplu jistudjaw, jitħarrġu u javvanzaw fil-qasam fl-eduazzjoni tagħhom, inkluża dik vokazzjonali u jkompli jarrikkixxu lilhom infushom fil-mestier tagħhom jew f'dixxiplini oħra tagħhom b'konformità mal-prinċipju tal-*lifelong learning*. Illum dan sar aktar faċli bis-saħħa tad-*digital learning* u ta' ħolqien ta' programmi *online*.

Barra minn hekk, l-informazzjoni ta' dawn il-programmi edukattivi jgħin ukoll lil min, għalkemm ikun għadu fl-età li jkun parti mid-dinja tax-xogħol, ikun spiċċa bla xogħol. Bis-saħħa ta' programmi bħal dawn, individwu li jinsab f'dik is-sitwazzjoni jkun fil-pożizzjoni li jista' jesplora x'taħriġ hemm disponibbli biex jaħdem f'xogħol ieħor biex b'hekk ikompli jsostni lilu nnifsu u lill-familja tiegħu b'mod li dan ma jkunx meqjus bħala piż fuq l-Istat.

Finalment, ngħid ukoll li l-informazzjoni tgħin lin-nies ta' età avvanzata sabiex matul l-anzjanità tagħhom dawn ma jsirux membri passivi tas-soċjetà iżda jagħmlu użu mis-sistemi idoneji, inklużi dawk diġitali, sabiex ikomplu jkunu attivi, prinċipalment għall-ġid tagħhom u anke għall-ġid tas-soċjetà inġenerali.

Id-djalogu mal-poplu jservi sabiex min hu responsabbli għat-twaqqif u l-funzjonament tas-sistemi lokali ta' edukazzjoni jifhem aħjar il-bżonnijiet ta' dawk li ser jagħmlu użu minn dawn is-sistemi bil-għan li jekk tinħass il-ħtieġa jiġu maħluqa korsijiet oħra kemm *full-time* kif ukoll *part-time* f'kull livell tal-qafas nazzjonali tar-rikonoxximenti u kwalifiki.

**4. X'pożizzjoni tara li pajjiżna jista' jieħu f'dak li huwa bżonn ta' internazzjonalizzazzjoni tal-*online programmes* li nistgħu nkunu kapaċi nagħtu bħala pajjiż?**

Kif premess, il-firxa tal-edukazzjoni, kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment, huwa wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Kummissjoni. Qed jirriżulta ċar mill-esperjenzi li għaddejjin minnhom li d-*digital learning* hija għodda effettiva ħafna sabiex testendi u tagħmel disponibbli s-sistemi fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla għal numru akbar ta' studenti li jibbenefikaw minn din il-forma ta' tagħlim biex minn ġewwa djarhom jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom fil-qasam tal-edukazzjoni u eventwalment fis-settur ekonomiku. Għalhekk f'Malta, bħal kull pajjiż ieħor fid-dinja, qed isir użu mit-teknoloġija għal dan il-għan billi jwassal it-tagħlim meħtieġ liċ-ċittadin u lill-barrani u tgħin lil dawn jintegraw fis-soċjetà tagħna b'xogħol li jkun bżonjuż għal pajjiżna u b'hekk jikkontribwixxu għat-tkabbir tas-soċjetà, kemm mill-aspett ekonomiku kif ukoll minn dak kulturali.

Dan kollu għandu jsir mingħajr tnaqqis mill-kwalità tat-tagħlim offrut li għandha tibqa' garantita sabiex ir-rikonoxximent u l-kwalifiki ottenuti f'Malta jsibu rikonoxximent barra minn Malta.